KNISJA elfejn

sena XXXI nru. 129
lulju – settembru 2019

# Ħarsa lejn id-Dutturi tal-Knisja

WERREJ

Fr Raymond Gatt OP
**Editorjal** 1

Fr Jonathan Farrugia
**Introduzzjoni għad-Dutturi tal-Knisja** 3

Mons. Prof. Hector Scerri
**Id-Dutturi tal-Knisja: Mis-Seklu IV sas-Seklu VIII** 13

Papas Prof. Martin Zammit
**It-Tliet Ġerarki Griegi** 37

Fr Dr Martin Micallef
**San Ċirillu minn Lixandra u l-argumenti kristoloġiċi fil-kummentarju tiegħu fuq l-Evanġelju skont San Ġwann** 49

Dr Pauline Dimech
**Id-Dutturi Nisa** 61

Fr Raymond Gatt OP
**Bernard ta' Clairvaux (1090-1153)** 75

Fr Justin Schembri OP
**Aquinas, Magister in Sacra Pagina: Method as key to good theology** 83

Fr Noel Muscat OFM
**Id-Dutturi Franġiskani tal-Knisja** 95

Fr Joseph Ellul OP
**The Soul of Academic Life** 107

Kontributuri 120

# Id-Dutturi tal-Knisja: Mis-Seklu IV sas-Seklu VIII

Mons. Prof. Hector Scerri

Fost id-Dutturi tal-Knisja, hemm numru sew minnhom li jingħaddu mal-Missirijiet tal-Knisja tal-Punent. F'dan l-artiklu, se nkunu qed nsammru ħarsitna fuq id-Dutturi Latini tas-sekli IV sa VIII. Dan kien perjodu mill-aktar għammiel fejn jidħol l-iżvilupp tat-teoloġija u t-trażmissjoni tagħha mhux biss lill-poplu Nisrani ta' dak iż-żmien, imma wkoll għall-ġenerazzjonijiet li ġew wara, sal-ġurnata tal-lum. Dawn huma awturi li x-xogħlijiet tagħhom huma mhux biss komprensivi, imma wkoll awtorevoli. *L-opri tagħhom kienu (u għadhom) jiġu kkwotati minn teoloġi u awturi spiritwali ta' kull żmien, kif ukoll mill-Maġisteru tal-Knisja. Huma tassew għejjun ta' ilma frisk u dejjem ħaj.* Dak li ppritkaw u kitbu jibqa' jiġi apprezzat u użat fit-tagħlim tat-teoloġija u l-għajxien tal-ispiritwalità Nisranija.

F'dan l-artiklu se nkunu qed nimxu pass pass mad-disa' Dutturi Latini tal-Knisja li huma: *Ilarju ta' Poitiers, Ambroġ, Ġlormu, Wistin, Ljun il-Kbir, Pietru Krisologu, Girgor il-Kbir, Sidor u Beda.* Dawn kollha huma qaddisin u niċċelebraw il-festa tagħhom matul is-sena. Ma rridux ninsew li hemm numru ta' Missirijiet il-Knisja li huma *orjentali*, għax ġejjin mil-Lvant u ma kitbux bil-Latin, u li xi wħud minnhom huma Dutturi tal-Knisja wkoll.

Xi wħud minn dawn id-Dutturi li se nistudjaw iltaqgħu ma' sfidi kbar, speċjalment dawk tal-bidu – fil-każ ta' dan l-istudju, minn Ilarju sa Pietru Krisologu – għax kien hemm kontroversji kristoloġiċi kbar. Biżżejjed insemmi ereżiji bħal Arjaniżmu, in-Nestorjaniżmu, il-Monofiżitiżmu, l-Injostiċi u oħrajn. *Bil-kelma u bil-kitba kellhom jissieltu b'saħħihom kollha biex l-Insara jibqgħu jħaddnu l-fidi vera u awtentika.* Kien żmien l-ewwel Konċilji ekumeniċi l-kbar tal-Knisja:

Niċea I (325), Kostantinopli I (381), Efesu (431), Kalċedonja (451) u Kostantinopli II (553). Barra minn dan id-dmir li jkunu ħarriesa tal-fidi tassew ortodossa, dawn id-Dutturi, bl-eċċezzjoni ta' Ġlormu u Beda, kienu lkoll mexxejja ta' knejjes importanti; tnejn minnhom – Ljun il-Kbir u Girgor il-Kbir – kienu papiet. Fi kliem ieħor, kellhom ir-responsabiltà li jmexxu l-Poplu t'Alla bħala isqfijiet, b'dak kollu li dan kien ifisser: il-governanza, l-amministrazzjoni tas-sagramenti, kwistjonijiet partikulari u dixxiplinari, u, kif jgħid San Pawl, "il-ġej u sejjer tan-nies ... u l-ħsieb tal-ħafna knejjes" (2 Kor 11:28).[1] Ħaġa oħra li jixraq li nsemmu hi li dawn id-disa' personalitajiet kbar li se nagħtu ħjiel bijografiku u dwar il-kontribut siewi tagħhom lill-Knisja ta' żmienhom u ta' kull żmien kollha għexu ħajja qaddisa, u huma qaddisin li l-Insara jivveneraw sa minn ftit żmien wara mewthom.

**Ilarju ta' Poitiers (c.315-367)**

Ilarju twieled madwar is-sena 315. Twieled fi Poitiers, fil-Gallja (Franza tal-lum) minn familja nobbli li kienet pagana. Wara li rċieva edukazzjoni klassika, huwa skopra l-fidi Nisranija u rċieva l-Magħmudija meta kellu madwar tletin sena. L-għażla tiegħu biex ikun isqof ta' belt twelidu saret prattikament b'akklamazzjoni, ħaġa mhux rari f'dawk iż-żminijiet. Peress li huwa ta l-appoġġ tiegħu lil Atanasju (c.296-377), Isqof ta' Lixandra, fit-taqbida dottrinali tiegħu kontra l-Arjani, Ilarju – magħruf bħala "Atanasju tal-Punent" – bata l-eżilju. Fil-fatt, l-Imperatur Ġuljanu l-Apostata (330-363; 'Ċesri' tal-Punent, mit-355; imperatur, 361-363) eżiljah lejn il-Friġja (fiċ-ċentru tal-Anatolja, jiġifieri t-Turkija tal-lum) fis-sena 356. Dawn is-snin li huwa għadda fil-Lvant, wassluh biex jifhem aħjar kif kienet qed tiżviluppa, f'dan il-pulmun l-ieħor tal-Knisja, it-teoloġija dwar l-istess veritajiet tal-fidi li kienu jħaddnu l-Insara kemm tal-Punent kif ukoll tal-Lvant. Tgħallem l-ilsien Grieg, u bis-saħħa t'hekk seta' jifhem il-kitbiet tal-Missirijiet tal-Lvant, u wassal il-ħsieb għani tagħhom fil-Punent.

Meta mar lura f'pajjiżu, Ilarju reġa' sar l-isqof ta' Poitiers, bis-saħħa tas-Sinodu ta' Pariġi (361).[2] Huwa l-awtur ta' bosta kitbiet esegetiċi – speċjalment il-Kummentarju tiegħu dwar l-Evanġelju skont San

Mattew, u dak dwar is-Salmi – u ta' innijiet spiritwali mill-isbaħ. Fost il-kitbiet l-aktar magħrufin tiegħu, ma nistgħux ma nsemmux it-trattat tiegħu dwar it-Trinità, *De Trinitate*.[3] Biex ikollna almenu ftit tagħrif siewi, dwar dan tal-aħħar, tajjeb li nifhmu dan li ġej:

Kien l-ewwel xogħol ta' din ix-xejra fost il-kitbiet teoloġiċi tal-Punent Nisrani. Ix-xogħol għaqqad ix-xejriet teoloġiċi kemm tal-Lvant kif ukoll dawk tal-Punent, dwar dan il-misteru, kontra l-Arjaniżmu. Ir-raba' ktieb [tad-*De Trinitate*] li jibda b'dan il-kliem: "... *fil-kotba ta' qabel li aħna ktibna ftit taż-żmien ilu*," wassal lil bosta studjużi ta' din il-kitba ewlenija ta' Ilarju biex ifissru li hu kien diġà kiteb l-ewwel tliet kotba għalihom, u li dawn kienu dehru qabel ma ntbagħat fl-eżilju fis-sena 356, iżda ma kienx għadu għaqqadhom flimkien. Fl-istess waqt, iżda, fil-fehma tal-istudjużi li l-kotba kollha kemm huma tat-trattat hu kitibhom waqt li kien eżiljat, jiġifieri bejn is-snin 356-360, qiegħda kulma tmur tikseb ħafna aktar għarfien ...

Ilarju għaraf il-problema ewlenija tal-metodoloġija, jiġifieri l-kunċetti li nibdew bihom aħna l-bnedmin, dawk, ngħidu aħna, dwar l-att tat-tnissil, dak taż-żmien, dak tan-natura, kif ukoll tal-kewn (bl-Ingliż, "being"), huma kollha ħsibijiet li ma jibqgħux jgħoddu meta titħaddet dwar Alla; imqar l-argument tal-"analoġija", xebh bejn, jaf idaħħal ħsibijiet u taħdit dwar id-dinja u l-ħajja fil-kunċett *Alla*. "*Għaldaqstant, kull xebh għandu jitqies aktar bħala għajnuna għal moħħna milli bħala li jixraq lil Alla*".[4]

Il-kontribut ġenerali ta' Ilarju ta' Poitiers għat-teoloġija jista' jinqasam f'żewġ aspetti: (a) *Ilarju huwa l-ewwel awtur u duttur fil-Punent li ħoloq lingwaġġ teoloġiku* billi adatta għall-ilsien Latin ċerti espressjonijiet preċiżi li l-Missirijiet tal-Knisja tal-Lvant (jiġifieri, Griegi) kienu fasslu fit-tielet u r-raba' seklu. Dan għandu jitqies bħala kontribut fundamentali. Fejn ma kienx hemm lingwaġġ, huwa ħoloq kliem bil-Latin – għax il-kuntest fil-Punent kien jitlob dan, u b'ċerta urġenza – li kien jikkorrispondi għall-Grieg. (b) It-tieni kontribut wisq siewi tiegħu kien li *rnexxielu jkompli jġib 'il quddiem it-tifsira li nistgħu nagħmlu aħna l-bnedmin dwar id-domma tat-Trinità*, speċjalment meta jfisser ir-relazzjoni bejn il-Missier u l-Iben, li huma "natura waħda" (konsustanzjali, *homoousious*, bil-Grieg), kif kien stqarr il-Konċilju ta'

Niċea (325). Minħabba l-għarfien tajjeb tiegħu tat-teoloġija orjentali Nisranija, Ilarju wasal li jippreżenta konverġenza tajba bejn it-teoloġija Latina pre-niċena u t-teoloġija Griega post-niċena. Huwa jagħtina sintesi mill-aktar għanja bejn it-tnejn, u jagħtiha l-laqta personali u oriġinali tiegħu.[5]

**Ambroġ ta' Milan (c.339-397)**

Ambroġ, imwieled fi Trier (Treviri, fil-lbiċ tal-Ġermanja tal-lum), iben il-Prefett ta' dik iż-żona tal-Gallja, irċieva formazzjoni għall-karriera amministrattiva fl-Imperu Ruman. Fis-sena 374, sar pro-konslu tar-reġjun tal-Emilia u l-Ligurja, li s-sede tiegħu kienet fil-belt importanti ta' Milan.[6] Wara l-mewt tal-isqof ta' Milan, Awsenzju (li kien Arjan), il-lajċi – b'akklamazzjoni, bħal fil-każ ta' Ilarju – għażlu lilu biex imexxi l-Knisja f'dawk l-inħawi tal-Imperu. Ambroġ kien għadu katekumenu. Malajr ġie ordnat saċerdot u isqof, filwaqt li tħarreġ fit-teoloġija Kattolika mal-qassis Simpliċjanu. Ambroġ malajr sar predikatur ta' fama kbira, u ħares il-Knisja kontra t-tagħlim żbaljat tal-Arjani.

Iddefenda l-Knisja kontra l-indħil tal-Imperatur Teodosju (347-395; imperatur, 379-395). Kien hemm episodji fejn din it-taqtigħa saħnet ħafna, imma Ambroġ uża tajjeb id-doni li huwa kien tħarreġ fihom meta kien fl-istruttura ċivila tal-Imperu.[7] Jibqa' magħruf għal bosta kummentarji eseġetiċi (*Hexaemeron*), il-katekeżi mistagoġika (*De mysteriis*, *De sacramentis*), it-trattati axxetiċi (fosthom id-*De officiis*, ispirat mill-ktieb tal-istess isem ta' Ċiċerun) u bosta innijiet liturġiċi li għadna nużawhom sal-lum, speċjalment fil-Liturġija tas-Sigħat.

Waqt diskors dwar Ambroġ, fl-2007, il-Papa Benedittu XVI faħħar l-istil kateketiku tiegħu. Mhux biss introduċa fil-Punent il-prattika tal-*lectio divina*, imma applika dan il-metodu ta' talb għall-predikazzjoni u l-kitbiet kollha tiegħu. Ambroġ kien dejjem jibda minn smigħ attent u spiritwali, fi spirtu ta' talb, tal-kelma ta' Alla. Id-daħla għall-katekeżi ta' Ambroġ tapplika l-qari tat-Testment il-Qadim għall-ħajja Nisranija: "Kuljum, meta naqraw dwar il-ħajja tal-Patrijarki u t-tagħlim tal-Proverbji, qegħdin nindirizzaw il-moralità ... sabiex – iffurmati u mgħallma minnhom – intom issiru aktar midħla

biex timxu fil-mogħdijiet tal-Missirijiet u tħarsu t-triq tal-ubbidjenza tal-kmandamenti t'Alla" (*De mysteriis*, 1, 1). Ambroġ kien isostni li l-katekumeni u l-Insara l-ġodda (in-neofiti), wara li jitgħallmu jgħixu ħajja ordnata, isibu ruħhom imħejjija għall-misteri kbar ta' Kristu.[8]

Kif jistqarr il-Papa San Ġwanni Pawlu II, fl-Ittra Appostolika *Operosam diem* (1 ta' Diċembru 1996) bi tħejjija għas-sittax-il ċentinarju mill-mewt ta' Ambroġ (4 t'April 397 – 1997), l-Isqof ta' Milan huwa meqjus – flimkien ma' Ġlormu, Wistin u Girgor il-Kbir – wieħed mill-erba' Dutturi Latini li l-Knisja tagħtih ġieħ speċjali.[9] Il-Papa Polakk jgħallimna wkoll li f'Ambroġ nilmħu *armonija tal-għaġeb fil-qadi tal-missjoni tiegħu bħala isqof, missjoni li huwa qeda b'dedikazzjoni kbira.* Huwa fassal il-ħajja tiegħu ta' ragħaj tal-erwieħ skont il-ħtiġijiet u ċ-ċirkustanzi li nqalgħu fi żmienu. Huwa ddedika l-enerġija kollha tiegħu, l-esperjenza twila li kiseb, flimkien mal-kapaċitajiet kollha li bihom hu kien imżejjen, biex ikun mexxej eżemplari u ta' ispirazzjoni. Kien bniedem qawwi u manswet, bniedem tat-twissija u tal-maħfra, eżiġenti mal-mexxejja ċivili, studjuż profond u bniedem ta' azzjoni, anke fir-relazzjoni tiegħu mal-Istat.[10]

Ambroġ kien il-ħin kollu jfisser il-kelma t'Alla waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija. Il-kelma u l-kitba tiegħu, hu x'inhu s-suġġett tagħhom, huma mimlija b'referenzi għal siltiet mill-Bibbja. Il-Papa Ġwanni Pawlu jgħid dan dwaru: "*si direbbe che egli non soltanto parli della Bibbia, ma **parli la Bibbia**, divenuta come la sostanza intima del suo pensiero e della sua parola*" (wieħed jista' jgħid li hu mhux biss tkellem dwar il-Bibbja, imma ***titkellem il-Bibbja***, li saret is-sustanza intima tal-ħsieb tiegħu u ta' kelmtu).[11]

Il-Papa Benedittu XVI ifakkarna li kull meta Wistin ta' Ippona – li dak iż-żmien kien jgħix Milan u kien għadu ifittex is-sens tal-ħajja u tal-fidi – kien jipprova jkellem lil Ambroġ, kien dejjem isib serbut ta' nies li riedu jkellmu lill-isqof tagħhom. Kienu jġibu l-problemi tagħhom, u kellhom il-konvinzjoni li hu kellu kelma xierqa għalihom.[12] F'Ambroġ, jien nara dak *ir-ragħaj li għaliex huwa bniedem ta' talb u riflessjoni, huwa kapaċi jgħaqqad il-ħajja spiritwali mal-ħajja soċjali ta' kuljum.* Il-qofol ta' ħajtu tinġabar fil-kliem "*Omnia Christus est nobis!*" – Għalina, Kristu huwa kollox! Fil-fatt, Ambroġ jistqarr hekk:

Jekk għandek ferita li teħtieġ il-fejqan, Kristu huwa t-tabib; jekk inti mejjet bil-għatx minħabba d-deni, Kristu huwa l-għajn; jekk inti mifni minħabba l-inġustizzja, hu l-ġustizzja; jekk inti teħtieġ l-għajnuna, hu l-qawwa; jekk inti tibża' mill-mewt, Kristu huwa l-ħajja; jekk inti tixtieq il-ġenna, hu t-triq; jekk inti fid-dlam, hu d-dawl ... Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej: imbierek il-bniedem li jittama fih (*De virginitate*, par.16).

**Ġlormu ta' Stridone (c.347-420)**

Ġlormu twieled fi Stridone, ġewwa d-Dalmazja (il-Kroazja tal-lum), u studja r-retorika ġewwa Ruma. Ta' ħamsa u għoxrin sena, huwa rċieva l-Magħmudija mill-Papa Liberju (310-366; Papa, 352-366). Mar Treviri, u ltaqa' max-xogħlijiet ta' Ilarju ta' Poitiers, u ddeċieda li jħaddan il-ħajja monastika. Ġie ordnat saċerdot fis-sena 379 minn Pawlinu, isqof ta' Antjokja (isqof, 362-388), u għal xi snin kien segretarju tal-Papa Damasu (305-384; Papa, 366-384). Kien jaf fuq ponot subgħajh l-ilsien Lhudi u l-ilsien Grieg (kif ukoll l-Aramajk, is-Sirjak u l-Għarbi), u għalhekk fuq inkariku tal-Papa Damasu, huwa beda jittraduċi il-Bibbja kollha għal-Latin, dik li nsejħulha l-verżjoni Vulgata. Sa żminijiet riċenti, din kienet it-traduzzjoni uffiċjali tal-Bibbja.

Wara l-mewt tal-Papa Damasu, Ġlormu kellu jħalli Ruma, u ċċaqlaq ħafna drabi minn post għall-ieħor u anke għadda perjodu bħala eremit. Mar joqgħod ġewwa Betleħem fis-sena 386 fejn waqqaf monasteru u ddedika ħajtu għall-istudju tal-kelma t'Alla, u kompla t-traduzzjoni li temmha fis-sena 405, ħidma ta' aktar minn għoxrin sena. Tant kien jaf tajjeb il-Bibbja, li huwa meqjus bħala l-qaddis protettur ta' dawk li jistudjaw il-Bibbja. Fl-aħħar snin ta' ħajtu, Ġlormu ssieħeb ma' Wistin ta' Ippona fit-taqbida kontra l-ereżija pelaġjana – fi ftit kliem, ereżija li kienet tgħid li l-bniedem isalva bl-isforzi tiegħu biss, u li l-grazzja hi biss eżempju tajjeb ta' Kristu.

Meta kien Betlem, Ġlormu kiteb bosta kummentarji dwar xi kotba tal-Bibbja, kiteb ukoll ħafna ittri (fosthom numru ta' ittri satiriċi), u niseġ bosta xogħlijiet f'polemika kontra l-eretiċi. Għamel ukoll bosta diskorsi lill-irħieb ta' Betlem u l-madwar. Huwa msemmi bħala

*doctor maximus in exponendis sacris Scripturis.* Tibqa' magħrufa l-Ittra Enċiklika tal-Papa Benedittu XV, fil-ħmistax-il ċentinarju mill-mewt ta' Ġlormu, *Spiritus Paraclitus* (15 ta' Settembru 1920). Mhux biss jagħtina profil dettaljat ħafna ta' dan id-Duttur tal-Knisja, imma wkoll jisħaq fuq l-importanza tal-istudji bibliċi, u l-għarfien tas-sensi differenti tal-Iskrittura.

Ġlormu ma kienx teologu, però l-kitbiet tiegħu huma għajn imprezzabbli biex nagħrfu t-tagħlim korrett tal-Knisja. *Hu kien ifittex b'impenn iċ-ċarezza tal-fidi,* u dwar dan huwa ħadha qatta' bla ħabel kontra l-Pelaġjani li semmejna qabel.[13] *Huwa ta kontribut importanti meta wera l-importanza u r-relevanza tal-letteratura Nisranija, u li din kienet tal-istess livell mal-letteratura klassika – meta tqabbel il-finezza u l-altezza tal-lingwaġġ.* Huwa mexxa dan il-proġett billi kkompona id-*De viris illustribus* – ġabra ta' mitt bijografija ta' awturi Nsara. Barra minn hekk, kiteb ukoll il-bijografija ta' diversi rħieb biex hekk juri l-importanza u s-sabiħ tas-sejħa monastika fil-Knisja.

*Ġlormu jgħallimna l-imħabba għall-Kelma t'Alla.* Kien jgħid: "L-injoranza tal-Iskrittura hija injoranza dwar Kristu." Hu stess kien jisħaq dwar kuntatt personali mal-kelma t'Alla. Kien iħobb jgħid: "Fittex li titgħallem fuq din l-art dawk il-veritajiet li jibqgħu validi għal dejjem fil-ġenna" (*Ittra* 53,10).[14] Fit-tieni udjenza ġenerali dwar San Ġlormu, Benedittu XVI, mhux biss ikompli jiżvolġi t-tema taċ-ċentralità tal-kelma t'Alla, imma jippreżenta aspetti oħra importanti mill-ħajja ta' dan id-Duttur, fosthom: (a) il-kriterju fundamentali li wieħed jinterpreta l-kelma t'Alla f'armonija mal-Maġisteru tal-Knisja; (b) l-aspett etiku, jiġifieri li n-Nisrani huwa msejjaħ jarmonizza ħajtu mal-kelma t'Alla. Din hija l-konsistenza fil-ħajja tan-Nisrani bejn l-Iskrittura u l-għixien ta' kuljum, u dan għandu jidher aktar u aktar fil-ħajja tal-predikatur; (c) is-sejħa għall-perfezzjoni permezz ta' viġilanza kontinwa fuq għemilna, il-mortifikazzjoni ta' spiss, il-moderazzjoni u l-prudenza, kif ukoll il-bżulija li tgħinna kontra l-perikli tat-telqa u tal-għażż; (d) l-importanza mogħtija lill-pedagoġija Nisranija, jiġfieri t-tagħlim u l-eżempju li jingħataw mill-ġenituri u l-għalliema. Fil-fatt huwa jisħaq dwar edukazzjoni sana u integrali mit-tfulija, ir-responsabiltà tal-ġenituri, u l-urġenza

ta' formazzjoni morali u reliġjuża; (e) l-importanza li jiġu mħarsa l-elementi pożittivi tal-kulturi antiki, dik Lhudija, kif ukoll dik Griega u Rumana, u s-sehem tagħhom biex titwieled u tiżviluppa kultura tassew Nisranija.[15]

**Wistin ta' Ippona (354-430)**

Fost dawn id-Dutturi tal-Knisja Latina li qed inkomplu niskopru permezz ta' dan l-artiklu, jiena konvint li l-aktar li nkiteb kien propju dwar Wistin ta' Ippona. Huma mijiet kbar, mhux biss il-kotba dwaru, imma l-artikli riċerkati u t-teżijiet li saru dwaru madwar id-dinja kollha. Il-*Bibliotheca Augustiniana der Deutschen Augustiner* (BADA), ġewwa l-belt Ġermaniza ta' Würzburg (Dominikaner Platz, 4) hija xhieda qawwija tal-materjal kollu li jinkiteb, kull sena, dwar dan il-qaddis. Barra minn hekk, il-kitbiet tiegħu miġbura jimlew bosta xkafef f'kull bibjoteka ekkleżjastika u teoloġika. Biex, fi ftit paragrafi, nikteb l-essenzjal dwar Wistin, insibha sfida diffiċli immens, u nħossni nkun qed nagħmel inġustizzja kbira ma' dan il-moħħ kbir u eklettiku, u l-wirt enormi tiegħu.

Kif jgħid Gaetano Lettieri (1961- ), professur fl-Università La Sapienza, Ruma, it-teoloġija ta' Wistin tirrappreżenta mhux biss il-quċċata spekulattiva tal-patristika Latina, imma probabilment it-tentattiv l-aktar radikali u bla mistrieħ tal-ħsieb kollu tal-Punent fir-riflessjoni tiegħu dwar ir-rivelazzjoni li nsibu fit-Testment il-Ġdid, u fid-dawl ta' dan, dwar Alla li huwa mħabba.[16] Il-filosfu Franċiż Étienne Gilson (1884-1978) jisħaq li t-teoloġija ta' Wistin tista' tinftiehem biss bħala "metafiżika tal-konverżjoni".[17] Jixraq li nifhmu din id-definizzjoni mhux tant bħala 'l-magħmudija' tal-axxeżi platonika lejn il-*veritas* ideali, daqskemm hija l-konverżjoni progressiva tar-raġuni u l-aspirazzjoni metafiżika tagħha għall-istqarrija tal-onnipotenza tal-grazzja u t-traxxendenza assoluta tal-*caritas* divina, li kif jgħid Gilson hija l-fus tal-ħsieb kollu agostinjan.[18]

L-awtorità lokali dwar Wistin ta' Ippona, ir-Rev. Professur Patri Salvinu Caruana (1949- ), Agostinjan, għandu sensiela ta' kotba u studji dwar id-Duttur, barra minn għadd ta' traduzzjonijiet ta' xogħlijiet tiegħu. Fi studju komprensiv, Caruana jgħid:

Wistin twieled nhar il-Ħadd 13 ta' Novembru tas-sena 354 w.K. Skont il-kittieb Tedesk, Jean Paul Friedrich Richter (1763-1825), dawk kollha li jitwieldu l-jum tal-Ħadd ikunu sejrin jagħmlu isem ... u Wistin twieled f'dan il-jum tal-ġimgħa. Dwar il-jum tat-twelid tiegħu, jum il-Ħadd, Wistin kiteb fix-xogħol tiegħu *Il-Ħajja Hienja*. Iktar tard, huwa fissru hekk jum twelidu: "*Xi rrid ngħid, Mulej, ħlief li ma nafx minn fejn ġejt hawn, f'din li nista' nsejħilha ħajja li tmut jew mewt li tgħix*" (*Stqarrijiet* 1, 6, 7).[19]

Nafu li Wistin uża tajjeb id-don tar-retorika li kien tħarreġ fiha qabel ma sar Nisrani. Għandna xorti kbira li nistgħu nduqu l-ġmiel tal-omeliji tiegħu – mijiet ta' omeliji – li kien jagħmel huwa u jaqsam il-kelma t'Alla mal-komunità Nisranija ta' Ippona, fejn huwa kien l-isqof mis-sena 395/396. *Kellu l-kapaċità li fl-istess waqt jindirizza kemm dawk li rċevew edukazzjoni formali, kif ukoll dawk li ma marrux skola*. Kien jiġbed kongregazzjonijiet kbar, u hu stess jistqarr li ġie li kien idum fl-omelija tiegħu. Kien hemm nies li kienu jiġu kważi b'kurżità biex jisimgħuh, għax il-fama tiegħu kienet xterdet ħafna. L-aktar omeliji magħrufa tiegħu huma dawk dwar l-Evanġelju skont San Ġwann u dawk dwar is-Salmi.[20]

Il-kitbiet tiegħu – apparti l-kitba l-aktar magħrufa u popolari, *L-Istqarrijiet*[21] – imissu ma' ħafna suġġetti, fosthom il-filosofija tal-lingwa (f'*De doctrina Christiana*), il-pedagoġija (ara *De catechizandis rudibus*),[22] kontra l-iżbalji tal-eretiċi (eż. kontra d-Donatisti[23] u l-Pelaġjani[24]), kontra l-Manikej (*De moribus manichaeorum*, *De Genesi contra Manichaeos*, *Contra Faustum*), kitbiet pastorali (*De mendacio* dwar il-gideb, *De sancta virginitate*) u trattati teoloġiċi kbar (bħal *De Trinitate*[25] u *De civitate Dei*[26]). Opri filosofiċi tiegħu jinkludu: *Contra Academicos*, *De vita beata*, *Soliloquia*, *De immortalitate animae*, *De musica*, *De libero arbitrio* u *De magistro*.[27]

Fil-kitba u r-riflessjoni ta' dan il-ħassieb kbir, niltaqgħu ma' bosta *issues* kbar li hu jittratta b'mod straordinarju: (i) il-problema tal-għarfien (konoxxenza), (ii) il-problema tal-ħażen u l-libertà, (iii) ir-ruħ u l-ġisem, (iv) min huwa Alla-Trinità,[28] (v) il-kosmoloġija, (vi) il-grazzja u l-ġustifikazzjoni, (vii) il-misteru ta' Kristu, (viii) il-Knisja bħala l-ġisem ta' Kristu, (ix) il-misteru tal-Istorja.[29]

Jidhirli li waħda mill-aħjar preżentazzjonijiet riċenti li toffrilna sintesi intelliġenti u komprensiva dwar Wistin hija dik magħmula mill-Papa Benedittu XVI waqt l-Udjenzi Ġenerali tad-9, 16, 30 ta' Jannar, u tal-20 u s-27 ta' Frar 2008. Skont Wistin, wara l-konverżjoni tiegħu, huwa għaraf li l-fidi u r-raġuni huma "ż-żewġ qawwiet li jwassluna għall-għarfien" (*Contra Academicos*, III, 20, 43). Huwa f'dan ir-rigward li żewġ affirmazzjonijiet agostinjani importanti jesprimu is-sintesi bejn fidi u raġuni: *crede ut intelligas* (Emmen biex tifhem) u *intellige ut credas* (Ifhem biex temmen). Dawn iż-żewġ prinċipji huma inseparabbli għal Wistin: it-twemmin jgħin lill-individwu biex jasal għall-verità, waqt li fl-istess ħin, l-individwu jgħarbel il-verità biex isib lil Alla u biex jemmen.[30]

Wara vjaġġ twil ħafna, Wistin jiskopri li Alla ma jinsabx 'il bogħod. Il-preżenza t'Alla fil-bniedem hija profonda kif ukoll misterjuża, imma l-bniedem jista' jasal biex jiskopri din il-preżenza ġewwa fih. Jekk bniedem jistqarr li Alla huwa ħafna 'l bogħod minnu, dan ikun għaliex il-bniedem huwa 'l bogħod minnu nnifsu. Wistin jammetti:

Kemm ħabbejtek tard, ja ġmiel hekk qadim u hekk ġdid, kemm ħabbjtek tard! U ara, inti kont ġewwa fija u jiena 'l barra minni innifsi. Fittixtek hemm barra, u jien, bla sura ta' xejn, intfajt kollni kemm jien fuq il-ħafna suriet li int għamilt (*Stqarrijiet* 10, 27).

Din tixbah ħafna l-istqarrija magħrufa tiegħu, *interior intimo meo et superior summo meo* (*Stqarrijiet* 3, 6, 11).[31] Huwa għex din l-esperjenza bl-għeruq u x-xniexel mill-esperjenza tat-tfulitu, fis-snin li għamel mal-Manikej, u fil-konverżjoni tiegħu għan-Neo-Platoniżmu.[32]

Bħala l-uniku Medjatur tas-salvazzjoni, Kristu huwa r-Ras tal-Knisja u huwa mistikament marbut magħha sal-punt li Wistin seta jgħid: "Aħna sirna Kristu. Għax jekk Hu r-Ras u aħna l-membri, għaldaqstant Hu u aħna flimkien nagħmlu raġel wieħed" (*Trattat dwar l-Evanġelju skont San Ġwann*, 21, 8). Il-Papa Benedittu XVI jfakkarna f'żewġ kunċetti importanti f'Wistin: *Poplu t'Alla* u *dar t'Alla*. Il-Knisja fil-ħsieb ta' Wistin hija marbuta ħafna mill-qrib mal-kunċett tal-*Ġisem ta' Kristu*. Fl-isfond ta' dan, insibu l-ħajja sagramentali marbuta mal-Ewkaristija, fejn il-Mulej jagħtina Ġismu u jittrasformana f'Ġismu. Huwa għalhekk fondamentali li l-Knisja, il-Poplu t'Alla

f'sens kristoloġiku u mhux soċjoloġiku, hija ħaġa waħda ma' Kristu.[33]

Fl-aħħar nett, *xtaqt naċċenna għall-umiltà profonda li Wistin wera quddiem il-Mulej Ġesù; din wasslitu għal umiltà intellettwali.* Fil-fatt, Wistin huwa wieħed mill-figuri l-kbar fl-istorja tal-ħsieb li fl-aħħar snin ta' ħajtu ried jissottometti l-ħafna kitbiet tiegħu għal eżami kritiku. Dan huwa l-għan tar-*Retractionum libri duo* (jiġifieri 'reviżjoni') li uża biex ipoġġi x-xogħlijiet teoloġiċi tiegħu fi ħdan il-fidi umli u qaddisa li hi tassew *kattolika*, jiġifieri tal-Knisja.[34] F'dawn il-ftit paragrafi, jidhirli li m'għamiltx ġustizzja intellettwali lejn dan id-Duttur hekk kbir tal-Knisja. Tant u tant hemm xi tgħid li l-ftit paġni li ddedikajt għalih huma biss togħma ħafifa u passiġġiera għal dak li hu dan il-koloss tat-teoloġija Kattolika. Qed inħossni qisni dak it-tfajjel ta' fuq ix-xatt il-baħar li ried ibattal l-ilma tal-oċean kollu f'ħofra żgħira max-xatt!

**Pietru Krisologu (c.380-450)**

Pietru twieled Imola. Kien imlaqqam "Krisologu" (*kliemu tad-deheb*), waqt li kien l-isqof tal-belt Imperjali ta' Ravenna. Minħabba din il-kapaċità kbira li kellu fil-predikazzjoni, kien magħruf ukoll bħala *d-Duttur tal-omeliji*. Peress li ma xtaqx li n-nies jiddejqu, jgħejjew jew ikunu distratti, *l-omeliji tiegħu qatt ma kienu twal. Kienu f'lingwaġġ sempliċi li seta' jifhmu kulħadd.* Din kienet karatteristika importanti ħafna li għamlet lil Pietru ferm magħruf u mfittex.

Fost l-omeliji tiegħu li waslu s'għandna – madwar 176 omelija – naraw li Pietru Krisologu kien ifisser siltiet bibliċi b'manjiera straordinarja u konċiża. Iddefenda b'qawwa kbira l-fidi Nisranija dwar il-verità tal-Inkarnazzjoni. Huwa għamel dan kontra l-Arjani u kontra l-Monofiżiti. Fil-fatt, meta qam l-inkwiet fil-Knisja minħabba din l-aħħar ereżija, madwar is-sena 448/449 huwa kiteb lil Ewtike (378-456), saċerdot ta' Kostantinopli, li kien wieħed mill-promoturi tagħha, wara li dan mar kontra t-twissija ta' Flavjanu, Patrijarka ta' Kostantinopli mis-sena 446 sal-449. Pietru talab bil-ħerqa lil Ewtike biex jissottometti ruħu għal dak li kien kiteb il-Papa Ljun il-Kbir dwar il-kostituzzjoni ontoloġika tal-Iben t'Alla magħmul bniedem. Milli jidher, Pietru miet qabel ma tlaqqa' l-Konċilju ta' Kalċedonja (451).[35] Dwar l-Inkarnazzjoni, Krisologu qal:

Meta kien għadu ma twelidx bħala bniedem, mit-tajn mhux mittiefes huwa sawwar il-bniedem; meta twieled bħala bniedem sawwar il-ġisem tiegħu ta' bniedem minn ġisem mhux mittiefes. Dak li għoġbu jieħu ftit tajn f'idu biex jagħmel il-bniedem, għoġbu wkoll jieħu ġisem għas-salvazzjoni tagħna ... Ħa n-natura tagħna l-bnedmin biex il-bniedem ma jiġġarrafx aktar; hu li ħalaq il-bniedem tal-art, ried jagħmlu wkoll bniedem tas-sema (*Omelija 148*).

*Huwa jfisser b'mod dirett il-Kredu ta' Niċea* (jiġifieri l-Kredu "t-twil," jew aħjar il-Kredu Niċeno-Kostantinopolitan). Għandu wkoll serje ta' omeliji dwar il-Verġni Marija u dwar San Ġwann il-Battista. Pietru kien spiss iħeġġeġ lin-nies biex jitqarbnu kuljum, ħaġa li dak iż-żmien kienet rari. Kien isostni d-duttrina tal-verġnità perpetwa ta' Marija u l-valur penitenzjali tar-Randan. Dwar ir-Randan huwa jistqarr li hemm tliet ħwejjeġ li bihom il-fidi tissaħħaħ, it-tjieba titwettaq u l-virtù ma tintilifx: it-talb, is-sawm u l-ħniena. Dak li t-talb jitħabat għalih, jaqilgħu s-sawm, u tirċevih il-ħniena ... Dawn it-tlieta huma ħaġa waħda, u jagħtu l-ħajja lil xulxin ... Mela ħa jkunu t-talb u l-ħniena u s-sawm ħarsien wieħed għalina quddiem il-Mulej ... Ħa jkunu t-talba waħda tagħna bi tlett ilħna quddiemu (*Omelija 43*).

*Krisologu kien sostenitur kbir tal-primat ta' San Pietru u tal-papiet, suċċessuri tiegħu.* Kien spiss ifakkar lill-Insara biex jafdaw ħafna fil-maħfra li l-Mulej jagħti lill-midinbin. Huwa wkoll magħruf li l-Papa San Ljun il-Kbir (li kien Papa bejn is-snin 440 u 461) kien jafda ħafna f'Pietru u ġie li fittex il-parir tiegħu. Fl-1729, il-Papa Benedittu XIII (1649-1730; Papa, 1724-1730) għamlu Duttur tal-Knisja.

L-omeliji ta' Pietru Krisologu jibqgħu famużi għaliex huwa għaraf juża tajjeb it-taħriġ li kien irċieva fir-retorika, kif ukoll il-fervur divin li huwa kien juri. L-eżempji li kien juża jirriflettu dwar il-belt ta' Ravenna ta' żmienu – eżempju li għandhom x'jaqsmu mal-belt imperjali, mal-ħajja ġewwa port, kif ukoll mill-ħajja tar-raba' li kien hemm fil-qrib. L-attività tiegħu bħala predikatur tixhed ukoll għad-dettalji tal-liturġija ċċelebrata f'dik il-belt, kif ukoll għall-kultura raffinata tagħha. Minn dak li naqraw fl-omeliji tiegħu, għandna stampa ċara tas-sena liturġika u kif l-Insara kienu jgħixuha f'dik il-belt.[36]

**Ljun il-Kbir (c.400-461)**

Il-pontifikat tal-Papa Ljun il-Kbir ħabat waqt perjodu deċiżiv fl-istorja tal-Knisja Latina u r-relazzjonijiet tagħha mal-Lvant Nisrani. Filwaqt li npoġġu fil-ġenb ġrajjiet tassew politiċi, u l-invażjoni ta' ġnus barbari, fosthom l-Unni taħt it-tmexxija ta' Attila, fil-kuntest ekklezjali, *Ljun afferma l-primat tas-sede ta' Ruma. Dan jinħass mhux biss fl-organizzazzjoni interna tal-Knisja, imma wkoll fl-aspett dottrinali*, kif se naraw.[37]

Ljun, imwieled fit-Toskana, ġie magħżul biex ikun Isqof ta' Ruma fis-sena 440. Il-Waqgħa ta' Ruma minħabba l-Barbari ġabet żmien ta' diżordni, imma huwa għaraf jaħdem għall-għaqda tal-Knisja, kemm billi afferma l-primat tal-Knisja ta' Ruma, kif ukoll billi indaħal bl-awtorità tiegħu fi kwistjonijiet duttrinali, kif għamel qabel il-Konċilju ta' Kalċedonja (451). Tibqa' tidwi l-għajta unanima waqt dan il-Konċilju: "*Pietru tkellem permezz tal-fomm ta' Ljun*:" il-padri konċiljari f'Kalċedonja qablu ma' dak li l-Papa Ljun il-Kbir kien stqarr fl-Ittra li kiteb lill-Patrijarka ta' Kostantinopli, Flavjanu (fit-13 ta' Ġunju 449), waqt li kkundanna lil Ewtike u l-ereżija Monofiżita.[38]

Għandna numru ta' Ittri li kiteb, kif ukoll 96 omelija li għamel fil-festi liturġiċi. F'waħda mill-aktar omeliji magħrufa tiegħu, nhar jum il-Milied, Ljun jitkellem dwar l-Inkarnazzjoni:

Għax l-Iben ta' Alla, fil-milja taż-żminijiet, kif fassal Alla fil-pjan għoli tiegħu li ħadd ma jista' jifliħ, sar bniedem biex jerġa' jħabbeb il-bnedmin mal-ħallieq tagħhom, u hekk ix-xitan, li bih daħlet il-mewt fid-dinja, jintrebaħ bis-saħħa ta' dik l-istess natura li biha hu kien ħareġ rebbieħ.

Ljun jitkellem b'mod mill-aktar sabiħ dwar is-saċerdozju komuni tal-imgħammdin kollha:

Lil dawk li twieldu mill-ġdid fi Kristu, is-sinjal tas-salib jagħmilhom slaten, id-dilka tal-Ispirtu s-Santu tikkonsagrahom bħala qassisin (...) biex l-Insara kollha li għandhom kariżma spiritwali, huma u jużaw ir-raġuni tagħhom, jagħrfu li huma membri ta' dan il-ġens regali u għandhom sehem fl-uffiċċju saċerdotali. Għaliex fl-aħħar mill-aħħar x'hemm aktar regali għar-ruħ milli tmexxi l-ġisem ħa joqgħod għal Alla? U x'hemm aktar saċerdotali milli toffri lill-Mulej kuxjenza safja

u toffri fuq l-artal ta' qalbek il-vittmi bla tebgħa tat-tjieba tiegħek? (*Omelija 4, 1*)

*Dwar ir-responsabbiltà tagħna fejn tidħol il-ġustizzja soċjali, il-Papa Ljun il-Kbir ma kienx joqgħod lura.* Fuq l-eżempju ta' Ambroġ ta' Milan, Wistin ta' Ippona u Ġwanni Griżostmu (c.347-407), huwa jgħallimna dan: "M'għandniex nibżgħu li se nnaqsu ġidna meta ngħinu lill-foqra, għaliex, fl-aħħar mill-aħħar, tjieba bħal din hi ġid liema bħalu ... Agħti, mela, karità b'qalb qawwija, u kollok ferħan, għaliex se taqla' aktar meta twarrab inqas għalik" (*Omelija fir-Randan, 10, 5*). Jisħaq ukoll dwar il-faqar fl-ispirtu:

Forsi ma kienx jidher ċar dwar liema foqra kien qed jitkellem Ġesù, il-Verità fih innifsu, kieku qal biss *Henjin il-foqra* u ma żied xejn biex juri dwar liema foqra kien qed jitkellem; xi ħadd kien jista' jaħseb li, biex wieħed jikseb is-saltna tas-sema, kien ikun biżżejjed għalih li jkollu dak il-faqar li fih jgħixu dawk li huma neqsin minn kull ma jeħtieġu. Imma, meta l-Mulej qal *Henjin il-foqra fl-ispirtu*, wera li s-saltna tas-smewwiet tingħata lil dawk li huma umli f'qalbhom, aktar milli 'l dawk li huma neqsin mill-ġid tad-dinja (*Omelija 95 dwar il-Beatitudnijiet, 1-2*).

Il-pontifikat ta' dan id-Duttur tal-Knisja huwa mmarkat fl-aspett dommatiku mid-difiża ċara tal-*fides apostolica*, kif ukoll fl-aspett politiku-ekklejżjali mid-difiża qawwija tal-primat tas-Sede Appostolika ta' Ruma. L-istqarrija tal-Kredu (jiġifieri s-Simbolu Appostoliku) tirriproduċi l-fidi li stqarr Xmun Pietru meta, mnebbaħ minn Alla, huwa qal: "Inti l-Messija, l-Iben t'Alla l-ħaj" (Mt 16:16).[39]

## Girgor il-Kbir (540-604)

Inwieled ġewwa Ruma mill-familja nobbli tal-Anici, Girgor intefa' għall-istudju tal-liġi, biex fis-sena 573 ingħata waħda mill-ogħla karigi ċivili ġewwa l-belt, dik ta' *praefectus urbis*. Dan l-involviment fl-aspett ċivili tat-tmexxija kien t'għajnuna kbira għalih aktar 'il quddiem fit-tmexxija pastorali. Huwa kien monaku Benedittin, u rappreżentant (*apokrisarju*, kieku llum ngħidulu, nunzju) tal-Papa ġewwa Kostantinopli. Wara l-mewt tal-Papa Pelaġju II fis-sena 590, huwa ġie magħżul unanimament biex ikun l-Isqof ta' Ruma. Fl-erbatax-

il sena li qeda l-missjoni ta' Papa, huwa wettaq ħidma ma taqta' xejn, speċjalment l-intervent kostanti tiegħu f'ħafna kwistjonijiet, l-aktar ċivili. Kiteb madwar 850 ittra lil nies tal-Knisja u mexxejja ta' ġnus differenti, kif ukoll lil personalitajiet oħra. Dawn huma miġbura b'mod skematiku fir-*Registrum epistularum*, sena sena, u f'ordni kronoloġiku. *Fihom naraw il-qalb pastorali tiegħu u l-għarfien tiegħu tal-karattru tal-bnedmin*. Huma mera dwar il-Knisja fi tmiem is-seklu VI. Il-qalb pastorali tiegħu tispikka l-aktar fil-ktieb *Regula pastoralis* dwar it-tmexxija pastorali. Fi żmienu wkoll u b'deċiżjonijiet li ħa, *huwa saħħaħ il-primat tal-Knisja ta' Ruma*. Iddefenda l-artijiet tal-Italja mill-invażjonijiet barbariċi tal-Lombardi, u *ntefa' b'ruħu u ġismu fil-koordinament ta' ħidma ta' evanġelizzazzjoni*, speċjalment tal-Angli u s-Sassoni fl-Ingilterra.[40]

Girgor kien kittieb li pproduċa ħafna xogħlijiet ta' natura eseġetika, morali u prattika. Fil-kamp tal-eseġeżi, jibqgħu magħrufa l-*Moralia* (li huwa kumment eseġetiku dwar il-ktieb ta' Ġob), l-Omeliji tiegħu fuq l-Evanġelju (waqt l-ewwel sentejn tal-pontifikat tiegħu), u Omeliji dwar il-kotba ta' Eżekjel u tas-Slaten, il-Profeti, il-Proverbji u l-Għanja tal-Għanjiet. Huwa kiteb ukoll id-*Djalogi*, u kif diġà semmejna, ir-*Regola Pastorali*. Din kitibha fl-ewwel perjodu tal-missjoni tiegħu bħala Papa biex iwassal messaġġ programmatiku u stil ta' ħajja lill-isqfijiet u lis-saċerdoti. Tibqa' magħrufa l-istqarrija ta' Girgor meta jgħid li *ars est artium regimen animarum*, jiġifieri l-arti tal-artijiet hija t-tmexxija tal-erwieħ. Jitkellem dwar l-isfidi tal-pastorali u dwar iċ-ċentralità tal-qadi.[41]

Huwa saħħaħ l-amministrazzjoni ċentrali tal-Knisja f'diversi oqsma: finanzi, leġiżlazzjoni, dixxiplina u liturġija. Daħal fid-dettall tal-amministrazzjoni tal-patrimonji, u ħadem bla heda biex "jillatinizza" ċerti nħawi tal-Knisja, l-aktar fin-nofsinhar tal-Italja, Sqallija u Malta – li kienu waqgħu taħt l-influwenza tal-Patrijarkat ta' Kostantinopli. Dan għamlu l-aktar bil-ħatra ta' Isqfijiet latini u li kien jaf tajjeb x'isarrfu. Kien bniedem li xerred sens profond tal-*Christianitas*. Għalkemm ma kienx ħassieb oriġinali, huwa meqjus bħala fost l-akbar kittieba tal-Punent fil-perjodu ta' Missirijiet il-Knisja. Wassal tajjeb it-tagħlim ta' Wistin ta' Ippona, u għamlu

popolari man-nies. Barra minn hekk, irnexxielu wkoll jgħaddi linnies ta' żmienu t-tradizzjoni eseġetika tal-Missirijiet li għexu xi sekli qablu, u użaha tajjeb fl-omeliji tiegħu. Ħadem kemm felaħ biex iġib il-monastiċiżmu 'l quddiem, u stinka biex issir l-evanġelizzazzjoni. Apparti s-sens tal-*Christianitas* li huwa kellu, ippromwova wkoll ir-*Romanitas* li hu tant kien iħoss fir-rigward tal-Imperu Ruman Nisrani u l-belt ta' Ruma u l-irwol tagħha.[42]

Tajjeb li ngħidu li Girgor ried iżomm sħiħa u jieħu ħsieb ir-relazzjoni mal-Patrijarki ta' Antjokja, Lixandra u Kostantinopli nfisha. Kien jagħti prijorità biex jirrikonoxxi u jirrispetta d-drittijiet ta' kull sede, filwaqt li jħares l-awtonomija leġittima tagħhom. Wera li kien kuntrarju li l-Patrijarka ta' Kostantinopli jissejjaħ 'ekumeniku,' kif fil-fatt għadu magħruf sal-lum. Girgor kien isostni dan mhux biex jillimita l-awtorità tal-Patrijarka ta' Kostantinopli – belt li kienet kibret tremendement fl-importanza tagħha f'żewġ sekli u nofs minn twaqqifha – imma biex iġib 'il quddiem l-għaqda fraterna fil-Knisja.

*Girgor kien jisħaq li l-umiltà għandha tkun il-virtù fundamentali mhux biss tal-isqof,* imma aktar u aktar, ta' kull patrijarka. Il-Papa Benedittu XVI jfakkarna li Girgor dejjem baqa' monaku Benedittin u kien jiddejjaq b'titli bombastiċi. Ried ikun – *servus servorum Dei*, jiġifieri l-qaddej tal-qaddejja t'Alla – u, fil-fatt kien hu li ħoloq dan it-titlu użat mill-papiet sal-lum. Għalih din ma kenitx biss stqarrija pija, imma stil ta' ħajja u impenn. Dan ikompli jispjega l-kobor u l-impatt ta' Girgor fl-istorja tal-Knisja u bħala Duttur.[43]

### Sidor ta' Sivilja (560-636)

Sidor, ħabib tal-Papa Girgor il-Kbir, huwa meqjus bħala *l-aħħar wieħed mill-Missirijiet tal-Knisja tal-Punent.* Wara l-mewt ta' ħuh, Leandru, Isqof ta' Sivilja, Sidor ħa postu, madwar is-sena 600. Jibqa' magħruf bħala dak li ppresieda t-tieni Konċilju ta' Sivilja (619) u r-raba' Konċilju ta' Toledo (633). Kien bniedem ta' enerġija u dinamiċità kbira. Kellu influwenza pożittiva fuq il-formazzjoni tal-kleru u l-ħajja monastika fi Spanja, kif ukoll fuq il-liturġija. *Sidor kien enċiklopediku, jiġifieri kien kompilatur li ġabar ħafna materjal miż-żminijiet ta' qablu, biex dan ma jintilifx.* Fil-fatt, din hija r-raġuni l-għala, madwar

għoxrin sena ilu, kienet saret proposta lill-Vatikan biex Sidor ikun iddikjarat il-qaddis patrun tal-internet. L-aktar xogħol magħruf tiegħu huwa *Originum sive Etymologiarum Libri* – ġabra f'għoxrin ktieb tal-għerf tas-sekli ta' qabel. Kiteb żewġ xogħlijiet filosofiċi, *De natura rerum* u *De ordine creaturarum*.[44] Kiteb ukoll manwal tad-dommatika u tal-morali, *Sententiarum libri tres*,[45] kif ukoll – bħal Ġlormu, qablu – *De viris illustribus* li fih jittratta 33 awtur Nisrani, il-kitbiet prinċipali tagħhom u l-kontributi karatteristiċi tagħhom.[46]

Sidor kien midħla tal-kitbiet kemm Insara kif ukoll il-klassiċi pagani. Kien miġbud lejn iż-żewġ għejjun. Mix-xogħlijiet ta' Sidor, nindunaw kemm kien kapaċi jgħaddi bil-ħeffa minn Ċiċerun għal Girgor, u minn Marzjal għal Wistin. Il-kapaċità tiegħu ta' kompilatur hija waħda straordinarja. Biex nifhmu aħjar il-kontribut ta' Sidor, huwa importanti li nkunu konxji tas-sitwazzjoni politika komplessa li fiha huwa għex. Meta kien tifel, bata l-eżilju u dak kollu li dan ifisser. Madankollu, kif ifakkarna l-Papa Benedittu, Sidor kien juri entusjażmu appostoliku kbir. Kien imħeġġeġ li jagħti formazzjoni tajba lill-poplu ta' pajjiżu li kien qiegħed jiskopri mill-ġdid l-għaqda tiegħu, kemm fuq livell politiku kif ukoll reliġjuż. Dan seta' jseħħ meta l-eredi għat-tron, Ermeneġildu (564-585), ikkonverta mill-Arjaniżmu għall-fidi Kattolika.[47]

*Sidor kien ifittex juri li dak kollu li l-Kristjanità kienet għamlet tul medda ta' sitt sekli kien jiżboq il-wirt kulturali Grieg u Ruman. Aktar milli sintesi, huwa ppreżenta t-tagħrif flimkien, fi kliem ieħor, jagħtina kompendju.* Hawn wera kapaċità ta' erudizzjoni straordinarja, għalkemm dak li jagħtina mhux dejjem ordnat daqskemm wieħed jixtieq. *Kien iħoss li għandu jagħmel ħiltu kollha biex xejn ma jintilef fl-oqsma kollha tat-tagħrif u tal-għerf. Kien ifittex li jipprovdi definizzjonijiet u jagħti eżempji.* Spjegazzjoni li Sidor jibqa' magħruf għalija hi r-rabta bejn il-ħajja attiva u dik kontemplattiva. Filwaqt li awturi oħra, qablu jew fi żmienu, faħħru dik tal-aħħar a skapitu tal-oħra, huwa ma jiddejjaq xejn juri li t-tnejn huma meħtieġa. Dan jagħmlu billi jpoġġi l-ħajja ta' Ġesù bħala eżempju, għax l-Iben t'Alla kien jgħallem u jagħmel il-mirakli fl-ibliet u l-irħula, filwaqt li f'mumenti oħra kien jinġabar waħdu fit-talb.

F'kitba li ġġib l-isem *Differentiarum Liber*, Sidor jistqarr li "l-qaddej t'Alla, huwa u jimita lil Kristu, għandu jiddedika lilu nnifsu għall-kontemplazzjoni mingħajr ma jiċħad il-ħajja attiva. Jekk jagħmel ħaġa oħra, ma jkunx fis-sewwa. Daqskemm għandna nħobbu lil Alla fil-kontemplazzjoni, hekk ukoll għandna nħobbu lill-proxxmu fl-azzjoni. Huwa għalhekk impossibbli li tgħix mingħajrhom it-tnejn." Kliem bħal dan huwa xhieda ċara li matul ħajtu Sidor għaraf jgħaqqad flimkien il-kontemplazzjoni t'Alla, id-djalogu miegħu fit-talb u l-qari tal-Iskrittura, mal-qadi tal-proxxmu u tal-komunità Nisranija.[48]

**Beda l-Venerabbli (c.673-735)**

Il-Venerabbli Beda jispikka meta nqabbluh mad-Dutturi li tkellimna dwarhom sa issa. Filwaqt li t-tmienja l-oħra huma lkoll Missirijiet tal-Knisja (Santi Padri), Beda mhuwiex, għalkemm huwa wieħed mid-Dutturi Latini tal-Knisja. Huwa kien awtur prolifiku Benedittin li ta kontribut enormi, speċjalment fil-kamp tal-Istorja tal-Knisja. Huwa twieled ġewwa Wearmouth ġewwa Northumbria, fl-Ingilterra. Wara li daħal bħala student fl-eqreb monasteru, huwa mar fl-abbazija magħrufa ta' Jarrow fejn għadda ħajtu kollha.

Permezz tal-kitbiet tiegħu *De sex aetatibus mundi* u *De temporum rationum* – xogħlijiet dwar l-istorja u l-kronoloġija tal-ġrajjiet – hu nieda l-użanza li nagħtu d-dati tal-ġrajjiet minn kemm jiġu wara t-twelid ta' Kristu (jiġifieri, A.D., jew *Anno Domini*). Xogħol ieħor li temm biss ftit snin qabel mewtu hu l-istorja tal-Knisja fl-Ingilterra, *Historia ecclesiastica gentis Anglorum* (731). Dan hu ta' valur kbir għax seta' juża materjal awtentiku li kkonsulta huwa stess, u għalhekk għaraf jagħżel bejn dak li kien tradizzjoni u dak li kien meqjus bħala leġġenda. Fil-fatt, l-uniċi vjaġġi li għamel, u li minħabba fihom ħareġ għal xi ftit mill-monasteru, kien biex jagħmel ir-riċerki tiegħu. Fil-fatt, vjaġġ minnhom kien lejn *the holy island of Lindisfarne*, qrib ix-xatt tal-grigal tal-Ingilterra, biex seta' jikteb il-ħajja ta' San Cuthbert. Kiteb trattat xjentifiku, *De rerum naturae* (c.725), għadd kbir ta' kummentarji fuq l-Iskrittura, u traduzzjoni Anglo-sassona tal-Evanġelju skont San Ġwann.[49]

*Beda huwa, nistgħu ngħidu, l-aktar esponent prominenti tal-kultura ċeltika tal-monasteri irlandiżi* li twaqqafu ġewwa l-Ingilterra madwar

sebgħin sena qabel twelidu. Tassew fidil għall-karizma Benedittina, il-kitbiet tiegħu, minbarra dawk li diġà semmejna, iħaddnu bosta oqsma oħra: il-grammatika, ir-retorika, l-aritmetika, il-ġografija, l-astronomija, il-meteroloġija, ix-xjenzi naturali, il-poeżija, l-eseġeżi bibblika, id-dommatika u l-morali. Għalkemm kif diġà rajna, l-aktar li jissemma hu għall-istorja, Beda ddedika ħafna minn ħinu għall-istudju tal-Bibbja, kif hu stess jistqarr: "*omnem meditandis Scripturis operam dedi.*" Wasslulna l-kummentarji tiegħu dwar il-Pentatewku, is-Salmi, l-Evanġelju skont Mattew, Marku u Luqa, u l-Atti tal-Appostli.[50] Mill-elezzjoni tal-Papa Franġisku fl-2013, saret ferm magħrufa s-silta ta' Beda li jikkummenta dwar is-sejħa ta' Levi (Mattew); il-kliem "*miserando atque eligendo*" (filwaqt li ħenn għalih, huwa għażlu) – kliem tant għeżież għall-vokazzjoni taż-żagħżugħ Jorge Mario Bergoglio – huma fil-fatt meħuda mill-kitba tal-Venerabbli Beda, u nsibuha fuq l-istemma tal-Papa preżenti.

*Filwaqt li Beda jagħti l-importanza lill-interpretazzjoni spiritwali tas-siltiet bibbliċi, irrid ngħid li l-eseġeżi tiegħu ma tħallix barra l-interpretazzjonijiet l-oħra, jiġifieri dawk letterali, allegoriċi, anagogiċi (i.e. mistiċi) u morali.* F'dan il-kamp tal-interpretazzjoni bibblika, Beda jimxi ħafna fil-passi ta' xi wħud mid-Dutturi li tkellimna dwarhom f'dan l-artiklu – Ambroġ, Wistin, Ġlormu u Girgor il-Kbir. L-evanġelizzatur kbir tal-Ġermanja, Bonifaċju (li hu wkoll kien mill-Ingilterra, u mit-tradizzjoni Benedittina Anglo-sassona ta' dak iż-żmien) jistqarr li Beda kien wieħed mill-aktar interpreti għorrief tal-Bibbja, u jsejjaħlu tassew "*candela ecclesiastica*" li idda fid-Dar t'Alla minħabba l-profondità tax-"*scientia Scripturarum*" tiegħu.[51]

Il-Venerabbli Beda jinsab fil-perjodu ta' tranżizzjoni bejn il-Missirijiet tal-Knisja u l-bidunett tal-perjodu tal-Iskolastika (seklu VII sa XI). Għal din ir-raġuni, hemm min isejjaħlu *l-aħħar fost is-Santi Padri u l-ewwel fost l-Iskolastiċi*, għalkemm l-ewwel parti ta' din id-deskrizzjoni trid tiġi kkwalifikata. L-istudji patristiċi serji qajla jinkludu lil Beda mal-Missirijiet tal-Knisja. Id-dixxiplu tiegħu, Alkwinu, li kien l-għalliem ta' Karlu Manju, isejjaħlu mgħallem ammirevoli, "*mirus Baeda magister.*" Il-Konċilju ta' Aachen (Aix-la-Chapelle) tal-836, li seħħ mitt sena wara l-mewt ta' Beda, isejjaħlu

"*Venerabilis et modernis temporibus doctor admirabilis Beda presbyter.*" Ħafna mill-awturi Skolastiċi l-kbar, jikkwotawh ta' spiss, fosthom Ugo ta' San Vitor (c.1096-1141), Anselmu (1033-1109), Alessandru ta' Hales (c.1185-1245), Bonaventura (c.1217-1274), Tumas t'Aquino (1221-1274), u Ġwanni Skotu (c.1266-1308). Fid-*Divina Commedia* tiegħu, Dante Alighieri (1265-1321) jpoġġi lil Beda fis-sema, qrib Sidor ta' Sivilja.[52]

F'diskors waqt waħda mill-udjenzi ġenerali, il-Papa Benedittu XVI jgħidilna li waqt ħajtu, Beda kien diġà magħruf bħala 'Venerabbli' għax il-fama ta' qdusitu u tal-għerf tiegħu kienet kbira u mifruxa. Fil-fatt, il-Papa Serġju I (650-701; Papa, 687-701) kien kiteb lill-abbati tal-monasteru tiegħu, fis-sena 701, biex jagħtih permess imur Ruma biex jikkonsultah fuq bosta materji. Madwar 150 sena wara l-mewt ta' Beda, Notker Balbulus (840-912), l-Abbati tal-Monasteru magħruf ta' Sankt Gallen (fl-Isvizzera tal-lum), jiddeskrivi lil Beda bħala xemx ġdida li l-Mulej għoġbu jtella' fil-Punent, u mhux fil-Lvant, biex idawwal id-dinja. Fil-fatt, huwa fatt aċċettat li l-kontribut ta' Beda huwa enormi fil-bini ta' Ewropa Nisranija waqt perjodu ta' taqlib soċjali u politiku kbir f'dan il-kontinent: *permezz tal-kitba u t-tagħlim tiegħu, Beda rnexxielu joffri fiżjonomija unika lill-ġnus tal-Ewropa, fiżjonomija mnebbħa mill-fidi Nisranija.*[53]

## Konklużjoni

Permezz ta' dan l-artiklu, għamilna mixja twila mad-disa' Dutturi Latini tal-Knisja, li għexu fl-ewwel millennju. Dan kien vjaġġ twil u impenjattiv li għenna nifhmu aħjar il-kontribut imprezzabbli ta' dawn l-għorrief u rgħajja li kienu bnedmin qaddisa. Ilkoll kemm huma fasslu ħajjithom fuq il-kelma t'Alla, li huma mmeditaw u wassluha lil ħuthom il-bnedmin permezz tal-predikazzjoni u tal-kitba. Għalkemm għaddew bosta sekli minn mewthom, għadna sal-lum nirreferu bi profitt kbir għall-kitbiet ta' Ilarju ta' Poitiers, Ambroġ ta' Milan, Ġlormu, Wistin ta' Ippona, il-Papa Ljun il-Kbir, Pietru Krisologu, il-Papa Girgor il-Kbir, Sidor ta' Sivilja u Beda l-Venerabbli. Huwa xieraq li napprezzaw kif dawn il-bnedmin għarfu jħaddmu t-talenti tagħhom kulturali u xjentifiċi fi djalogu mas-soċjetà ta' żmienhom.

Il-fatt li l-Knisja Kattolika tagħrafhom bħala Dutturi tagħha jkompli jixhed li dak li għallmuna għandu rilevanza dejjiema għall-filosofija, it-teoloġija u l-kultura Nisranija kollha kemm hi. Jiena nħeġġeġ lill-qarrejja ta' din ir-rivista ferm għażiża u wisq utli biex jimpenjaw ruħhom u jaqraw xi siltiet minn dawn l-awturi. Xi wħud insibuhom bl-ilsien tagħna, waqt li oħrajn insibuhom bl-Ingliż fil-bibjoteki reliġjużi ta' pajjiżna, jew permezz ta' siti diġitali tajbin ħafna li dejjem jitkattru għall-akbar benefiċċju, mhux biss tal-istudjużi, imma wkoll ta' kull min jixtieq itella' ilma frisk u ġieri minn dan il-bir fond u dejjem mimli.

## Noti

1. Ara Gillian Rosemary Evans, ed., *The First Christian Theologians* (Oxford: Blackwell, 2004), 1-11.
2. Dwar id-dettalji tal-ġrajja ta' ħajjet Ilarju, ara l-kitba eċċellenti ta' Alessandru Bonnici – Salvinu Caruana, *Patroloġija,* Vol. I (Malta: Reliġjon u Ħajja, 2015), 354-362.
3. Ara Luis F. Ladaria, "La teologia del Padre in Ilario di Poitiers: una lezione attuale," *Rassegna di teologia* 58 (2017): 533-540. Ladaria, illum Kardinal u Prefett tal-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, kien kiteb teżi tad-Dottorat dwar Ilarju ta' Poitiers, fl-Università Gregorjana fl-1975.
4. Bonnici – Caruana, *Patroloġija,* I, 362-363.
5. Ara Battista Mondin, *Dizionario dei teologi* (Bologna: Edizioni Studio Domenicano, 1992), 309.
6. Ara Boniface Ramsey, "Ambrose," f'Evans, ed., *The First Christian Theologians,* 225-226.
7. Ara ibid., 228-229.
8. Papa Benedittu XVI, Udjenza Ġenerali, 24 t'Ottubru 2007. Ara Pope Benedict XVI, *Church Fathers. From Clement of Rome to Augustine* (San Francisco: Ignatius Press, 2008), 123-124.
9. Papa Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika *Operosam diem,* 1 ta' Diċembru 1996, par.14. Ara http://w2.vatican.va/content/john-paul-ii/en/apost_letters/1996/documents/hf_jp-ii_apl_01121996_operosam-diem.html (konsultat, 13.8.2019).
10. Ara ibid., par.2, mill-istess sit elettroniku (konsultat. 13.8.2019).
11. Ara ibid., par.16, mill-istess sit elettroniku (konsultat. 13.8.2019).

12. Ara Pope Benedict XVI, 24 t'Ottubru 2007, f'*Church Fathers*, 125.
13. Ara Mondin, *Dizionario dei teologi*, 268; Pope Benedict XVI, *Church Fathers*, 134-136.
14. Ara Papa Benedittu XVI, Udjenza Ġenerali (1) dwar San Ġlormu, 7 ta' Novembru 2007, f'Pope Benedict XVI, *Church Fathers*, 136-137.
15. Ara Papa Benedittu XVI, Udjenza Ġenerali (2) dwar San Ġlormu, 14 ta' Novembru 2007, f'Pope Benedict XVI, *Church Fathers*, 140-143.
16. *teologia*, Vol. 1 (Roma – Bologna: Dehoniane, 1995), 353.
17. Étienne Gilson, *Introduzione allo studio di sant'Agostino* (Casale Monferrato: Edizioni Paoline, 1983), 277.
18. Ara Lettieri, "Agostino," 353-354.
19. Salvinu Caruana, *Jiena ... Wistin. Il-ħajja, il-ġrajjiet u l-wirt ta' Stu Wistin, Isqof u Duttur tal-Knisja* (Malta: Provinċja Agostinjana, 2008), 39.
20. Gillian Rosemary Evans, "Augustine of Hippo," in Id., *The First Christian Theologians*, 239-240.
21. Ara Caruana, *Jiena ... Wistin*, 207-215.
22. Ara Evans, "Augustine of Hippo," 240-241.
23. Ara Caruana, *Jiena ... Wistin*, 183-192.
24. Ara ibid., 216-227.
25. Frar 2008, f'Pope Benedict XVI, *Church Fathers*, 187-188.
26. Ara Caruana, *Jiena ... Wistin*, 248-258. Ara Papa Benedittu XVI, ibid., f'Pope Benedict XVI, *Church Fathers*, 186-187.
27. Mondin, *Dizionario dei teologi*, 13.
28. Ara Caruana, *Jiena ... Wistin*, 228-237.
29. Ara Mondin, *Dizionario dei teologi*, 19-37.
30. Ara Papa Benedittu XVI, Udjenza Ġenerali (3) dwar Santu Wistin, 30 ta' Jannar 2008, f'Pope Benedict XVI, *Church Fathers*, 180.
31. Ara ibid., 181.
32. Ara Hector Scerri, "Augustine the Manichaean and the Problem of Evil," *Augustinian Panorama* 5-7 (1988-1990): 76-86; Id., "The Problem of Evil and the Unbaptised Augustine: His Childhood and the Manichaean Connection," f'*Le Confessioni di Agostino (402-2002): Bilancio e prospettive. Studia Ephemeridis Augustinianum 85, XXXI Incontro di studiosi dell'antichità Cristiana, 2-4 maggio 2002* (Roma: Institutum Patristicum Augustinianum, 2003), 245-255; Id., "Stu Wistin tfajjel," in *Stu Wistin: ħajja, ħidma u ħsieb*, ed. Salvinu Caruana (Malta: Provinċja Agostinjana, 2010), 57-74; Id., "Augustine's Struggle with the Problem

of Evil and his Conversion to Neo-Platonism," f'*Non laborat qui amat. A Festschrift in honour of Professor Salvino Caruana O.S.A.*, ed. Hector Scerri – Jonathan Farrugia – Andrè Debattista (Malta: Maltese Augustinian Province, 2020) – *fl-istampa*.

33. Ara Papa Benedittu XVI, Udjenza Ġenerali (3) dwar Santu Wistin, 30 ta' Jannar 2008, f'Pope Benedict XVI, *Church Fathers*, 182.
34. Ara Papa Benedittu XVI, Udjenza Ġenerali (5) dwar Santu Wistin, 27 ta' Frar 2008, f'Pope Benedict XVI, *Church Fathers*, 195.
35. Ara Basil Studer, "Pietro Crisologo," f'*Dizionario patristico e di antichità cristiane*, Vol. 2, ed. Angelo Di Berardino (Casale Monferrato: Marietti, 1994), kol.2792.
36. Ara ibid., kol.2793.
37. Ara Franco Gori, "L'occidente latino da Ilario a Leone Magno," f'Enrico dal Covolo, ed., *Storia della teologia*, I, 348.
38. Ara ibid., 349; Angelo Amato, "I quattro concili: Le grande controversie trinitarie e cristologiche," f'Enrico dal Covolo, ed., *Storia della teologia*, I, 249-254.
39. Ara Gori, "L'occidente latino da Ilario a Leone Magno," 350.
40. Ara Mondin, *Dizionario dei teologi*, 273-274.
41. Ara ibid., 274. Ara wkoll Papa Benedittu XVI, Udjenza Ġenerali (2) dwar San Girgor il-Kbir, 4 ta' Ġunju 2008, f'Pope Benedict XVI, *Church Fathers and Teachers. From Saint Leo the Great to Peter Lombard* (San Francisco: Ignatius Press, 2010), 46-47.
42. Ara Jeffrey Richards, *Consul of God. The Life and Times of Gregory the Great* (London – Boston – Henley: Routledge & Kegan Paul, 1980), speċ. 260-265.
43. Ara Papa Benedittu XVI, Udjenza Ġenerali (2) dwar San Girgor il-Kbir, 4 ta' Ġunju 2008, f'Benedict XVI, *Church Fathers and Teachers*, 48.
44. Ara Mondin, *Dizionario dei teologi*, 325; Jacques Fontaine, "Isidoro di Siviglia," f'Di Berardino, ed., *Dizionario patristico*, kol.1835-1837.
45. Ara Antonio Fontana, ed., *Teologi* (Casale Monferrato: Piemme, 1994), 128.
46. Ara Paul Gilbert, "Da Boezio a Eriugena," f'Enrico dal Covolo, ed., *Storia della teologia*, I, 469-470.
47. Ara Papa Benedittu XVI, Udjenza Ġenerali dwar San Sidor ta' Sivilja, 18 ta' Ġunju 2008, f'Benedict XVI, *Church Fathers and Teachers*, 57.
48. Ibid., 58-59.
49. Ara Fontana, *Teologi*, 32; Mondin, *Dizionario dei teologi*, 102; Gilbert,

"Da Boezio a Eriugena," f'Enrico dal Covolo, ed., *Storia della teologia*, I, 471-472.
50. Ara Mondin, *Dizionario dei teologi*, 102.
51. Ara ibid.
52. Ara ibid., 103.
53. Ara Papa Benedittu XVI, Udjenza Ġenerali dwar San Beda, il-Venerabbli, 18 ta' Frar 2009, f'Benedict XVI, *Church Fathers and Teachers*, 78.

## Biblijografija

Benedict XVI, *Church Fathers. From Clement of Rome to Augustine* (San Francisco: Ignatius Press, 2008).

Benedict XVI, *Church Fathers and Teachers. From Saint Leo the Great to Peter Lombard* (San Francisco: Ignatius Press, 2010).

Bonnici Alessandru – Caruana Salvinu, *Patroloġija*, Vol. I (Malta: Reliġjon u Ħajja, 2015).

Dal Covolo Enrico, ed., *Storia della teologia*, Vol. 1 (Roma – Bologna: Dehoniane, 1995).

Evans Gillian Rosemary, ed., *The First Christian Theologians* (Oxford: Blackwell, 2004).

Mondin Battista, *Dizionario dei teologi* (Bologna: Edizioni Studio Domenicano, 1992).